# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 99/2020**
**Appell Numru 100/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Josef Grech**
**Omar Caruana**
***Omissis***

Illum id-disgħa (9) ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Josef Grech** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 267081(M), **Omar Caruana** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 440178(M) u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fl-20 ta' Jannar 2009 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi

atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€25,740.50) għad-dannu tal-Maltapost plc.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni tar-reat kontemplat f'Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat Artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kienu viġenti fiż-żmien li seħħew ir-reati, sabet lit-tliet imputati ħatja tar-reati fihom kontemplati u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ikkundannat lill-imputat Josef Grech għal piena ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva, lill-imputat Omar Caruana għal piena ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva u lill-*Omissis* għal piena ta' sentejn (2) priġunerija effettiva. *Ai termini* ta' Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali magħqud ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordna lill-ħatja sabiex iħallsu *in solidum* is-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u wieħed u sebgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€19,971.25) lis-soċjeta' Maltapost p.l.c. u ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata mir-Reġistratur lis-Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u lis-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati.

Rat ir-Rikors tal-appellant Josef Grech ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell u tħassar is-sentenza appellata u minn dawn l-imputazzjonijiet tiddikjarah mhux ħati u tilliberah skont il-liġi u mingħajr preġudizzju fil-parti tal-piena tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat ir-Rikors tal-appellanti Omar Caruana u *Omissis* ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 fejn talbu lil din l-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Claire Borg) vs. Josef Grech, Omar Caruana u Vincent Farrugia** fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din ma sabitx lill-appellanti odjerni ħatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellanti ħatja tar-reat kontemplat fl-Artikoli 18, 308 u 310(1)(a) u kkundannathom għal termini ta' priġunerija, u in kwantu ordnat lill-appellanti jħallsu in solidum is-somma ta' €19,971.25 lis-soċjeta' Maltapost plc, u in kwantu ordnat il-komunika ta' din is-sentenza lis-Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u lis-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati, u dan billi tilliberahom minn kwalunkwe akkuża u ordni kontra tagħhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 875 *et seq.*), din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat l-proċediment estint fir-rigward tal-appellant Vincent Farrugia minħabba li miet fil-mori tal-appell.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti Josef Grech u Omar Caruana eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-kawża l-ewwel bdiet kontra l-appellanti Grech u Caruana u kif ukoll kontra Vincent Farrugia, imbagħad quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm separazzjoni tal-proċeduri fejn il-proċeduri kontra Grech u Caruana ġew separati minn dawk kontra Farrugia u aktar tard l-Ewwel Qorti rrevokat is-separazzjoni tal-proċeduri u ordnat li l-proċeduri kontra t-tliet persuni msemmija jkomplu jinstemgħu flimkien. Eventwalment, l-Ewwel Qorti għaddiet biex tat sentenza waħda fil-konfront ta' Grech, Caruana u Farrugia fejn instabet ħtija fihom tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom, u dan sar wara li l-Ewwel Qorti rat Artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn it-tliet persuni appellaw mis-sentenza mogħtija. Filwaqt li Grech ippreżenta Rikors ta' l-appell għalih waħdu, Caruana u Farrugia appellaw permezz ta' Rikors konġunt b'dan illi fil-mori tas-smiegħ tal-appell, Farrugia miet u b'hekk din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat il-proċediment estint fil-konfront tiegħu u nstemgħu sottomissjonijiet dwar l-appell taż-żewġ persuni l-oħra, *ossia* ta' Grech u Caruana.

Illi din il-Qorti ser tagħti sentenza waħda fir-rigward tal-appell imressaq mill-appellant Grech u fir-rigward tal-appell imressaq mill-appellant Caruana b'dan illi l-Qorti ser tniżżel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravji mressqa fiż-żewġ appelli in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fiż-żmien tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti, filwaqt li Farrugia kien il-President tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes ta' Raħal Ġdid, Grech u Caruana kienu s-Segretarju u t-Teżorier rispettivament tagħha. It-tliet individwi kienu firmatorji konġunti ta' kont bankarju tal-APS Bank tas-soċjeta' imsemmija u Grech u Caruana kienu firmatarji konġunti ta' kont tal-APS Bank f'isem is-soċjeta' Għaqda Mużikali Santu Wistin. Jirriżulta wkoll li minn Novembru 2008 l-

persuni msemmija kienu joħorġu ċekkijiet tal-APS mill-kont tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes a favur tas-soċjeta' Maltapost sabiex jixtru *money orders* mill-istess Maltapost u huma kienu jiddepożitaw dawn il-*money orders* fl-istess kont bankarju tagħhom tal-APS u mbagħad joħorġu ċekkijiet oħra mill-istess kont favur terzi. Dan baqa' għaddej tul Diċembru 2008 u fl-istess żmien kienu qed jinħarġu ħafna flus mill-kont tal-Bank. Jirriżulta wkoll li permezz ta' ħmistax il-cekk tal-APS Bank (tlettax minnhom maħruġa mill-kont bankarju li jsejjaħ lis-soċjeta' Filarmonika Lourdes u tnejn oħra maħruġa mill-kont bankarju f'isem is-soċjeta' Għaqda Mużikali Santu Wistin), l-ammont ta' liema ċekkijiet kien ta' €36,152.00, bejn it-3 ta' Jannar 2009 u l-14 ta' Jannar 2009 inxtraw erbgħa u sittin (64) *money orders* fl-ammont komplessiv ta' €36,040. Jirriżulta li mill-*money orders* in kwistjoni ssarrfu biss *money orders* fl-ammont ta' €25,740.50 peress li ċ-ċekkijiet tal-APS Bank ma kienux qed jissarrfu għax ma kienx hemm biżżejjed fondi fil-kont u b'hekk il-Maltapost għamlet *stop-payment* fuq il-kumplament tal-*money orders* fl-ammont ta' €10,411.50. Eventwalment ittieħdu proċeduri kriminali kontra Farrugia, Grech u Caruana u dan sar wara li l-APS Bank għamlet rapport lill-Pulizija u l-Pulizija nvestigat il-każ.

Illi l-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-

> Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant Grech u mill-appellant Caruana separatament b'dan illi l-Qorti ser tibda bl-aggravji mressqa mill-appellant Grech.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Grech**

Illi l-appellant Grech jibda billi jressaq l-ewwel aggravju tiegħu billi jgħid li hemm kontradizzjonijiet legali u fattwali fis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Grech jargumenta li l-Ewwel Qorti l-ewwel qalet li *"l-kont [tal-Bank] kien qed jiġi regolarment overdrawn"* (*a fol.* 724) u aktar tard qalet li *"l-kont beda ikun overdrawn"* (*a fol.* 726) u dan meta mqabbel ma' dak li ngħad fl-istess sentenza meta ngħad li kien jinkombi lil Grech li jġib il-provi li l-konijiet kellhom faċilita' ta' *overdraft* billi jippreżenta s-*sanction letters* relattivi meta l-appellant Grech jargumenta li mis-sentenza ħareġ li l-kont kien qed iservi b'*overdraft* bil-kontra ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Dan l-argument ma jbiddel xejn mis-sustanza li fuqha bbażat il-konklużjoni tagħha l-Ewwel Qorti u dana peress li l-argumenti hawn fuq imsemmija mressqa mill-appellant Grech ma jippuntax lejn konklużjoni li l-Qorti setgħet tasal għal konklużjoni diversa.

Illi l-appellant Grech jisħaq ukoll li meta l-Ewwel Qorti qalet li ma kellhiex dubju li l-kontijiet ingħalqu fuq talba tal-imputati stess lil Bank u li ma kienux ġew magħluqa mill-Bank kif jallega hu (Grech) hija asserzjoni totalment infondata. Jargumenta li huwa klijent li jagħlaq kont mentri l-Bank jibblokkah u li skont hu l-kont ġie bblokkjat da parti tal-Bank u mhux tal-klijent. Filwaqt li huwa minnu li klijent jagħlaq il-kont pero' Bank jista' kemm jibblokkja kont kif ukoll jagħlqu. Meħud dan in konsiderazzjoni u tenut kont ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti tinnota li lanqas l-argument tal-appellant Grech li ġie appena kkunsidrat ma jbiddel xejn mis-sustanza li fuqha l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha.

Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant Grech qed ikun miċħud.

Illi fit-tieni u fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant Grech jgħid li l-elementi tar-reat ta' truffa huma nieqsa u jispeċifika: (a) li ma kienx hemm qliegħ għall-aġent u (b) anqas intenzjoni doluża. Fir-rigward tal-qliegħ għall-aġent jagħmel riferenza għal dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn tgħid li għal fini ta' Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jkun hemm ir-reat ta' truffa anke jekk il-qliegħ ikun intiż biex tiġi vvantaġġjata xi terza persuna u l-awtur tar-reat ma jiggwadanja xejn. Fir-rigward tal-intenzjoni doluża jgħid li huwa car li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament legali kif rikjest fil-kamp krimnali imma hija bbażat l-apprezzament tagħha daqs li kieku kienet qed tiddeċiedi kawża ċivili.

Illi fir-rigward ta' dak li l-appellant Grech jirreferi għalih bħala *"qliegħ għall-aġent"* għandu jingħad li din il-Qorti tabbraċċja l-insenjament f'kuntest ta' serq tas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Balzan** (Numru 335/2014), u li saret riferenza għaliha mill-Ewwel Qorti, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-appellant jargumenta illi huwa ma ħa xejn minn dan it-tbagħbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-soċjeta' u *se mai* kienet l-istess soċjeta' illi ħadet xi benefiċċju. Ovvjament dan l-argument ma jistax ireġġi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt ġej mis-serq dan qed jgħiduh bl-aktar mod wiesgħa tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji iżda biżżejjed ikun fl-aktar termini ġeneriċi ta' gwadann, liema gwadann m'għandux għalfejn ikun personalment tal-persuna konċernata iżda anke għal ħaddieħor inkluż soċjeta' ta' responsabilita' limitata bħalma hu f'dan il-każ."

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal Artikolu 13 ta' Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Interpretazzjoni) fejn jingħad hekk:

> "Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat […]." [emfażi miżjuda]

Illi tenut kont ta' dan isegwi li l-argument tal-appellant Grech ma jreġiex salv jekk dan sar, fi kliem Artikolu 13 hawn huwa kkwotat, *"mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat."* Jirriżulta li l-appellant Grech kellu t-tagħrif ta' dak li kien qed jiġri u ma jirriżultax li huwa eżerċita d-diliġenza xierqa biex jevita l-għemil tar-reat u dana jirriżulta mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti. Il-mod u l-frekwenza li nħarġu ċ-ċekkijiet u nxtraw il-*money orders* fi żmien qasir huwa xhieda ta' dan.

Illi in fatti l-ħruġ ta' mijiet ta' ċekkijiet mis-soċjeta' ta' banda li kienet f'qagħda finanzjarja ħażina ma tagħmilx sens. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta qalet li ma nġabet l-iċken prova oġġettiva favur min u għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċekkijiet u dan għajr għal dawk li ntużaw biex inxtraw il-*money orders*. Għandu jingħad li bħala wieħed mill-firmatorji tal-kont, l-appellant Grech (li kien jaf dwar il-qagħda finanzjarja tas-soċjeta' u li kien qed jiffirma biex joħorġu tant u tant ċekkijiet, uħud minnhom b'valur ta' eluf ta' Euro fi żmien qasir) kien id-dover tiegħu li qabel jiffirma kull ċekk jqies li hemm fondi biżżejjed fil-kont sabiex kull ċekk jiġi onorat.

Illi meta l-appellant Grech ġie mistoqsi għalfejn kienu jinħarġu ċ-ċekkijiet biex jinxtraw il-*money orders* u mhux jinħareġ ċekk dirett lil terzi persuni, huwa wieġeb li l-flus tal-*money orders* kien ġie li jissarraf kontanti biex iħallas il-bandisti peress li kien hemm min ried ħlas kontanti. Jirriżulta wkoll li l-maġġoranza tal-*money orders* inħarġu fuq talba tas-soċjeta' in kwistjoni. Kif argumentat l-Ewwel Qorti: *"Ċertament, ir-raġuni li ta l-imputat Grech li money orders inħarġu biex jitħallsu l-bandisti in kontanti, mhix waħda kredibbli, stante li huwa, flimkien mal-ko-firmatarji l-oħra, setgħu faċilment jiġbdu l-flus in kontanti mill-kont"* (*a fol.* 727).

Illi ma jirriżultax li kien hemm negliġenza, *mismanagement* jew traskuraġni kif jgħid l-appellant Grech, anzi l-Qorti jirriżultalha li l-appellant Grech kien jaf x'kien qed jagħmel meta kienu qed jinħarġu ċ-ċekkijiet u jinxtraw il-*money orders* u dana peress li ħadd ma joħroġ numru ta' ċekkijiet mingħajr ma jiċċekkja li hemm fondi biżżejjed biex dawk il-flus jissarrfu, sakemm ma jkollux intenzjoni oħra. Għaldaqstant, il-Qorti jirriżultalha l-intenzjoni doluża da parte ta' Grech kienet hemm.

Tenut kont ta' dan, il-Qorti ser tiċħad it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant Grech.

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> tiegħu l-appellant Grech jgħid li t-teżi tal-Prosekuzzjoni ma gietx ippruvata u jispeċifika li din tressqet kontra l-imputati nkluż fih fejn huma ġew akkużati fl-isem tagħhom *proprio* u mhux b'responsabilita' vikarja li għamlu qerq li permezz tiegħu għamlu qliegħ.

Illi bħal l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** mogħtija fis-26 ta' Mejju 1995, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għal fini ta' kjarifika tal-posizzjoni legali, din il-Qorti tosserva li kemm l-Artikolu 322 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew in forza tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249], joħolqu r-responsabbilita'

penali vikarja ta' direttur, *manager*, segretarju eċċ ta' għaqda jew korp ta' persuni għal reati kommessi minn tali għaqda jew korp. Iż-żewġ disposizzjonijiet jistabilixxu wkoll id-difiża li tista' tinġieb 'l quddiem minn tali direttur, *manager*, segretarju eċċ. meta jiġi msejjaħ biex iwieġeb għar-reat <u>kommess mill-imsemmija għaqda jew korp</u>. Pero' t-taħrika toħroġ kontra l-imsemmi direttur, *manager*, eċċ. f'ismu personalment, fis-sens li hu <u>personalment</u> irid iwieġeb għall-akkuża, u f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tiġi inflitta fuqu u tiġi skontata minnu. Mill-banda l-oħra, meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, *manager* jew segretarju, reat kommess mill-għaqda jew korp, u li għalih hu jrid iwieġeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuża – **mhux fl-isem tal-imputat jew akkużat, ċioè <u>mhux</u> fl-okkju tal-kawża** – għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi imsejjaħ biex iwieġeb għal reat kommess mill-korp jew għaqda: ċioè għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabilta' vikarja tiegħu. Jekk mhux għal xi ħaġa oħra, tali indikazzjoni hi meħtieġa sabiex l-imputat jew l-akkużat ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.

6. L-imputazzjoni kif miġjuba kontra Joseph Bonnici ma fiha ebda indikazzjoni jew aċċenn għal xi responsabbilita' vikarja tiegħu. Jiġifieri, l-imputazzjoni kif formulata tirreferi għal reat kommess mill-istess Bonnici, u mhux għal xi reat kommess minn għaqda jew korp u li għalih l-appellant irid wieġeb ankorke personalment. Din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-imputazzjoni tirreferi għal reat kommess <u>minnu</u>, pero' ma taqbilx miegħu li dan il-fatt iwassal ghal dikjarazzjoni ta' xi nullita jew neċessarjament u preliminarjament għal-liberazzjoni tiegħu. Wieħed irid jara x'inhi l-imputazzjoni u x'inhuma l-provi."

Illi dak li ngħad f'din is-sentenza hawn fuq kkwotata japplika għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti fir-rigward tar-raba' aggravju tal-appellant Grech. Għandu jingħad ukoll li s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Le Brun** (Numru 369/2017) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Frar 2019 ma tapplikax għal dan il-każ peress li fil-każ odjern jirriżulta ben ċar li l-Prosekuzzjoni riedet tħarrek lill-appellant Grech għal dak li għamel hu personalment u mhux bħala persuna responsabbli għal dak li għamlet is-soċjeta' mużikali li tagħha kien segretarju. Għaldaqstant, anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

Illi fil-ħames aggravju tiegħu l-appellant Grech jagħti espożizzjoni tal-elementi legali tar-reat ta' truffa. Jgħid li f'dan il-każ ma jridx isir eżami li hemm dejn ċivili bejn is-soċjeta' u l-Maltapost għax dwar dan hu jaqbel u ma joġġezzjonax. Jisħaq li jrid isir eżami jekk dak kollu li hemm fl-atti jirriżultax fl-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu. Jgħid li hemm qbil ukoll li l-fondi kollha użati miċ-ċekkijiet kollha (kemm dawk li ġew imsarrfa kif ukoll dawk li ma ġewx onorati) kollha marru għall-interessi tas-soċjeta' filarmonika. Jgħid li bid-diċitura tagħha l-imputazzjoni ma tista' qatt tirriżulta minħabba li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li hu kien qed jaġixxi għall-interessi tiegħu imma dejjem fil-kapaċita' tiegħu ta' membru tas-soċjeta' għall-interessi tagħha. Jisħaq li ma daħħal xejn fil-but tiegħu u li ma teżisti l-ebda prova li xi flejjes marru f'butu u li ġie ppruvat li l-fondi kienu neċessarji għall-bżonnijiet tas-soċjeta' tant li l-maġġoranza tal-*money orders* ħarġu direttament fl-isem tal-*payee* li kienu jagħtu servizz lill-istess soċjeta'.

Illi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel riferenza għall-elementi li jsawwru r-reat ta' truffa peress li dawn ġew imniżżla sew fl-appell tal-appellant Grech. Il-Qorti tikkondividi ma' dak li tgħid il-ġurisprudenza u l-awturi kkwotati minn Grech dwar l-elementi legali tar-reat ta' truffa b'dan illi l-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq dwar il-mod kif inħarġu ċ-ċekkijiet in kwistjoni u kif inxtraw il-*money orders* fi

żmien tant qasir meta l-qagħda finanzjarja tas-soċjeta' ma kinitx waħda tajba.

Illi l-Qorti żżid tgħid li l-problemi bdew f'Novembru 2008 meta bdew jinxtraw il-*money orders* biċ-ċekkijiet f'ammonti ta' medja ta' €1,600 tant li l-ewwel darba li l-bilanċ waqa' fin-negattiv kien fl-20 ta' Novembru 2008. Jirriżulta li s-sitwazzjoni baqgħet sejra għall-agħar tant li l-valur tal-*money orders* mixtrija u ddepożitati beda jiżdied sa ma' fid-29 ta' Diċembru 2008 ġew depożitati *money orders* fl-ammont ta' €13,200. Għandu jingħad li matul dan ix-xahar, il-Bank ġie mitlub isarraf xejn inqas minn mija u ħamsa u sittin (165) ċekk tas-soċjeta' li l-maġġoranza tagħhom jaqbżu l-valur ta' €1,000 u l-kont beda jkun *overdrawn* iktar ta' sikwit. Jirriżulta li dan il-*modus operandi* baqa' sejjer f'Jannar 2009 b'dan illi mit-12 ta' Jannar 2009 'il quddiem, il-Bank ma onorax iċ-ċekkijiet meta ma kienx hemm fondi biex jagħmlu tajjeb għalihom.

Illi riferenza għandha ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, ċioè dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-iżball</u> il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'*artifizio* wieħed għandu jifhem:
>
> *"ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta' effettuata sia simulando ċioè che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc sia dissimulando, vale a dire, nascondendo ċioè che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una*

*determinate cosa ecc)"* (*Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I* Giuffre (Milano) 1986, p. 295);

L-istess awtur jiddefinixxi r-raġġir bil-mod segwenti:

*"Il raggiro … … é un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita" (ibid);*

Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, ċioè li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fostħom dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifħem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom kontemplati fil-liġi tagħna."

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti ma jirriżultalhiex li għandha tiddisturba l-eżami approfondit li għamlet l-Ewwel Qorti meta waslet sabiex issib ħtija fl-appellant Grech fir-rigward tal-imputazzjoni in kwistjoni u għaldaqstant il-Qorti ser tiċħad il-ħames aggravju wkoll.

Illi fis-<u>sitt aggravju</u> tiegħu l-appellant Grech jargumenta kif qatt jista' jkun reat kontinwat dan ir-reat ta' truffa meta bħala provi rriżulta li l-*money orders* mill-Maltapost ġew ordnati mill-imputati b'mod separat f'okkażjonijiet separati li mbagħad ħarġu ċ-ċekkijiet tal-Bank. Skont hu ma jista' qatt ikun hemm riżoluzzjoni jew intenzjoni waħda meta kien hemm l-id ta' aktar minn persuna waħda li aġixxiet b'mod separat mill-oħrajn f'okkażjonijiet separati.

Illi l-Qorti mal-ewwel tgħid li ma taqbilx mal-argumenti mressqa mill-appellant Grech fir-rigward tar-reat kontinwat. Jirriżulta ċar li Grech, Caruana u Farrugia ffirmaw numru ta' ċekkijiet u li Grech u Caruana waħedhom iffirmaw tnejn oħra, biex jinxtraw *money-orders*. Jirriżulta li dawn iċ-ċekkijiet ġew iffirmati fi żmenijiet differenti u li huma ġew iffirmati bl-intenzjoni li jagħmlu qliegħ illecitu ghad-dannu tal-Maltapost. B'hekk isegwi li anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

Illi s-seba' aggravju tal-appellant Grech huwa l-aħħar aggravju tiegħu u huwa dwar il-piena. Dwar dan l-aggravju, il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha flimkien mal-aggravju dwar il-piena li jressaq l-appellant Caruana u dana wara li l-ewwel isiru l-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji mressqa minn Caruana.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Caruana**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant Caruana jisħaq li hu u Farrugia ma rnexxielhomx jifhmu kif kellha tiffunzjona l-proċedura li biha jinxtraw *money orders* b'ċekkijiet kif proposta u mħaddma minn Josef Grech. Jgħid li kellu jitħarrek fil-vesti li kellu fis-soċjeta' u mhux fuq bażi totalment personali.

Illi rigward il-mod kif kellu jitħarrek Caruana, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni tagħmel riferenza għal dak li ngħad fil-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq fir-rigward tal-appellant Grech fejn saret riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** u l-oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Le Brun**, liema konsiderazzjonijiet hemm magħmula japplikaw hawn ukoll fis-sens illi Caruana ġie msejjaħ mhux biex iwieġeb għal reat kommess mis-soċjeta' pero' għal reat kommess minnu meta l-kariga tiegħu kienet dik ta' teżorier tas-soċjeta'.

Illi dwar il-parti l-oħra tal-aggravju, il-Qorti jirriżultalha li l-appellant Caruana mhux biss kien firmatarju taż-żewġ kontijiet

tal-Bank iżda kien ukoll it-teżorier tas-soċjeta'. Huwa kien konsapevoli li l-finanzi tas-soċjeta' ma kienux tajba u li s-soċjeta' kienet għadha mexja minħabba li l-appellant Grech kien jiddepożita minn flusu fil-kont tas-soċjeta'. Jirriżulta wkoll li l-appellant Caruana kien qed jiffirma regolarment numru ta' ċekkijiet in bjank lill-appellant Grech fi żmien qasir u mingħajr ma jitlob sodisfazzjon għalfejn kienu qed jiġu wżati dawk iċ-ċekkijiet kollha. Mhuwiex verosimili li l-appellant Caruana ma kienx jaf x'qed jiġri. Fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta li l-livell intelletwali tiegħu mhuwiex wieħed baxx tant li huwa avukat.

Illi jirriżulta li l-appellant Caruana kien jaf bil-problema tal-*money orders* u li l-Maltapost ma kinitx qed titħallas tant li f'ittra datata 15 ta' Jannar 2009 (Dok. "LC 1" – *a fol.* 610) mibgħuta minnu lil Maltapost bħala avukat in rappreżetanza tas-soċjeta' huwa talab laqgħa bejn is-soċjeta' u l-Maltapost sabiex jinstab rimedju fejn kiteb hekk: *"Illi wara li ġejt avviċinat mid-diriġenti tas-Soċjeta' li regolarment dawn l-aħħar xhur talbu ħruġ ta' money orders mill-Maltapost p.l.c. u li dwar dawn il-money orders inħarġu ċekkijiet kontra tagħhom miċ-Cheque book tas-Soċjeta' ta' l-APS Bank u li dawn ma ġewx onorati s-Soċjeta' lesta li titkellem ma' rappreżentanti tal-Maltapost p.l.c. biex is-Soċjeta' tħallas dawk iċ-ċekkijiet li ma ġewx onorati"* (*a fol.* 610). B'hekk isegwi li ma ġiex pruvat dak li qal l-appellant Caruana f'dan l-aggravju u ċioè li ma kienx irnexxielu jifhem kif kellha tiffunzjona l-proċedura li biha nxtraw *money orders* b'ċekkijiet kif proposta u mħaddma minn Grech. Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-appellant Caruana qed ikun miċħud.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Caruana jirrigwarda n-nuqqas ta' *dolo* da parte tiegħu u kif ukoll ta' Farrugia. L-appellant Caruana jargumenta li l-elementi tar-reat ta' truffa ma rrikorrewx fih u li hu tant ma kienx qed jifhem li xi ħadd seta' kien qed jiġi ngannat, li bagħat żewġ ittri legali kemm lil Maltapost u kif ukoll lil APS Bank u li minn jeddhom hu, Grech u Farrugia għamlu Kostituzzjoni ta' Debitu favur il-posta biex juru li ma riedux jikkawżaw ebda ħsara lill-posta.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru minnha aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant Grech u fir-rigward tal-aggravju tiegħu dwar id-dolo u tapplikah hawn. Il-mod kif inħarġu ċ-ċekkijiet u kif inxtraw il-*money orders* fi żmien relattivament qasir u l-iffirmar taċ-ċekkijiet da parte tal-appellant Caruana juru li hu kellu d-dolo rikjest mil-liġi. Kieku Caruana verament ma kienx jaf x'qed isir bix-xiri u t-tisrif tal-*money orders*, kieku hu ma kienx jiffirma l-Kostituzzjoni ta' Debitu fit-18 ta' Settembru 2009 (Dok. "AZA 1" – *a fol.* 76 *et seq.*) bħala garanti flimkien ma' Grech u Farrugia għal ħlas ta' dejn dovut lil Maltapost. Minkejja li huwa qal li ffirma din il-Kostituzzjoni ta' Debitu taħt pressjoni mill-Maltapost, ma jirriżultax li huwa istitwixxa proċeduri biex jannullah!

B'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant Caruana qed ikun miċħud ukoll.

Illi t-<u>tielet aggravju</u> kontenut fir-Rikors tal-appell tal-appellant Caruana jirrigwarda n-nuqqas ta' dolo ta' Vincent Farrugia. Stante li l-Qorti diversament preseduta ddikjarat il-proċediment estint fil-konfront ta' Farrugia minħabba li huwa miet fil-mori tal-appell u stante li din is-sentenza tirrigwarda lil Grech u Caruana, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar dan l-aggravju.

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellant Caruana jirrigwarda ż-żmien li seħħew ir-reati kontemplati fl-imputazzjoni. Jisħaq li peress li ċ-ċitazzjoni ssemmi l-20 ta' Jannar 2009 u l-kliem *"fil-jiem ta' qabel"*, skont l-imputazzjoni l-provi tal-Prosekuzzjoni kellhom jinġiebu dwar dak li seħħ bejn it-13 ta' Jannar 2009 u l-20 ta' Jannar 2009 u jasal għal din il-konkużjoni tad-dati tat-13 ta' Jannar 2009 u l-20 ta' Jannar 2009 wara li għamel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Polidano** (Numru 313/2013). Għandu jingħad li dak sottomess mill-appellant Caruana f'dan l-aggravju mhux il-każ fil-każ odjern u dan b'mod speċjali meta fil-

każ odjern jirriżulta r-reat kontinwat *ai termini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar liema Artikolu diġa' saru konsiderazzjonijiet aktar 'il fuq u li għandhom japplikaw hawn ukoll. Għaldaqstant, anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> tiegħu, l-appellant Caruana jgħid li l-Ewwel Qorti applikat Artikoli 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligiet ta' Malta meta dawn ma kienux ċċitati mill-Avukat Genrali fin-Nota ta' Rinviju tiegħu (*a fol.* 145). Dwar dan il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis 1*** (Numru 222/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa għalkemm l-Artikolu 41 ma jiġiex iċċitat mill-Avukat Ġenerali meta huwa bagħat lura l-atti tal-kumpilazzjoni biex il-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati, dan ma kienx jipprekludi lill-Ewwel Qorti milli issib ħtija għat-tentattiv ta' reat u mhux dak ikkunsmat, bl-unika ħaġa li biha tkun vinkolata dik il-Qorti hija illi m'għandhiex aktar tikkunsidra li mill-fatti tista' tislet xi reat ieħor mhux indikat mill-Avukat Ġenerali li hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Magistrati iżda tibqa' libera għal kull ħaġa oħra.
>
> Ġara iżda illi lanqas fil-parti deċiżorja l-Ewwel Qorti ma ndikat din id-disposizzjoni tal-liġi, għalkemm kien evidenti li kienet qed tinstab ħtija għar-reat fil-forma tat-tentattiv u mhux f'dik tal-konsumazzjoni tiegħu, u allura l-appellant qed issostni li dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata.
>
> Il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dan l-argument difensjonali. <u>Illi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jimponi fuq il-qorti l-obbligu li tindika dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat, u mhux dawk marbuta mal-piena, jew inkella ma' xi attenwanti</u>

> jew skużanti, jew mal-kompliċita' fil-kummissjoni tad-delitt." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tapplikah għall-aggravju in eżami b'dan illi jsegwi li l-ħames aggravju tal-appellant Caruana qed ikun miċħud.

Illi l-aħħar aggravju tal-appellant Caruana huwa s-sitt aggravju u dan huwa dwar il-piena. Huwa jisħaq li s-sentenza fil-konfront tiegħu hija wisq severa. Bħal fil-każ tal-appellant Grech, il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aħħar aggravju ta' Caruana flimkien mal-aggravju dwar il-piena li ressaq Grech.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti Grech u Caruana u li saru konsiderazzjonijiet dwarhom hawn fuq ġew kollha miċħuda b'dan illi jonqos li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-aħħar aggravju mressaq mill-appellanti Grech u Caruana, liema aggravju huwa dwar il-piena.

Illi sabiex l-Ewwel Qorti waslet għall-piena fil-konfront tal-appellanti Grech u Caruana hija ħadet in konsiderazzjoni numru ta' fatturi, fosthom l-għemil tagħhom in konsegwenza ta' liema huma nstabu ħatja tar-reat ta' truffa, l-ammont ta' telf li sofriet il-Maltapost, u l-fatt li l-pieni fil-konfront ta' truffa tbiddlu wara li kien seħħ ir-reat kontinwat ta' truffa.

Illi fir-rigward tal-appellant Grech, l-Ewwel Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni li mill-fedina penali aġġornata li kellha l-Qorti quddiemha huwa kellu numru ta' kundanni oħra għal diversi reati, fost liema kien hemm dawk ta' truffa, u li minkejja li huwa ngħata diversi opportunitajiet mill-Qrati huwa ma riedx jitgħallem mill-iżbajli tiegħu u jitbiegħed mit-triq tal-kriminalita'. Hija tgħid: *"Huwa indikattiv li ħafna mill-kundanni, inklużi dawk ta' truffa ġew kommessi, wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri"* (*a fol.* 739).

Illi fir-rigward tal-appellant Caruana, apparti dak li ngħad aktar 'il fuq, l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni li huwa għandu fedina penali netta pero' ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li huwa avukat u jeżerċita professjoni li hi bbażata fuq il-fiduċja tal-pubbliku.

Illi eventwalment l-Ewwel Qorti għaddiet biex tagħti piena ta' priġunerija effettiva differenti fil-konfront ta' Grech u Caruana.

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' ħafna mill-konsiderazzjonijiet li semmiet l-Ewwel Qorti meta waslet biex tagħti l-piena ta' Grech u Caruana, pero' hemm numru ta' konsiderazzjonijiet li ser iwasslu li din il-Qorti sabiex tvarja l-piena mogħtija fil-konfront tat-tnejn li huma, u dana mingħajr ma' din il-Qorti bl-ebda mod tnaqqas mill-gravita' tar-reat li tagħhom huma ħatja. Dawn il-fatturi huma s-segwenti:

- Il-piena ta' priġunerija fiż-żmien li seħħ ir-reat fir-rigward ta' Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien dak minn tlettax-il xahar sa seba' snin liema piena, *ai termini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

- Fir-rigward ta' Grech, mis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 819 *et seq*.) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rona Agius Custo' jirriżulta li jkun ta' benefiċċju għalih li jkun f'impieg stabbli sabiex ikun f'pożizzjoni li jmantni l-familja u jżomm il-bogħod mill-kriminalita'.

- Fir-rigward ta' Caruana, mis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 837 *et seq*.) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rona Agius Custo' jirriżulta li huwa għandu ħajja pjuttost stabbli, li għandu fedina penali netta u qatt ma kellu perjodi fejn kien miżmum ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u anqas ma jirriżulta li qatt kellu ħajja ta' vizzji jew inkella kien ta' problema għall-Pulizija.

- Fir-rigward tal-appellant Grech, jirriżulta mill-fedina penali aġġornata eżebita mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2023 li l-kundanni kollha li jidhru fiha (għajr għall-waħda) ġew kollha mogħtija **wara** li Grech tressaq quddiem l-Ewwel Qorti sabiex iwieġeb għar-reat ta' truffa f'dan il-każ. Fil-kawża odjerna, Grech ma ġiex akkużat li kien reċidiv u ovvjament ma nstabx ħati ta' hekk. L-unika kundanna li Grech kellu qabel il-każ odjern kien dak fejn instab ħati li naqas milli jagħmel xogħlijiet ġo fond sabiex ineħħi periklu li kien ikkaġuna b'liema kien qed ipoġġi f'periklu s-saħħa u l-ħajja ta' persuna.

- Fir-rigward tal-appellant Caruana, jirriżulta mill-fedina penali aġġornata eżebita mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2023 li l-fedina penali tiegħu baqgħet waħda kompletament nadifa.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, il-Qorti ser tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront taż-żewġ appellanti Grech u Caruana. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena xierqa li għandha tingħata lilhom u żammet f'moħħha dak li ngħad hawn fuq kif ukoll l-interessi tas-soċjeta' Maltapost u hija tal-fehma li l-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-appellanti Grech u Caruana għandha tkun waħda ta' priġunerija, it-terminu ta' liema m'għandux ikun wieħed effettiv pero' għandu jkun sospiż bl-intiza li l-appellanti Grech u Caruana jifhmu li dak li għamlu kien ħażin u jagħrfu ma jerġgħux jirripetuh b'dan illi huma ser ikunu kkunndannati wkoll jħallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' dsatax-il elf, disa' mija u wieħed u sebgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€19,971.25) lis-soċjeta' Maltapost li huwa l-ammont li hija sofriet, liema ħlas għandu jsir fiż-żmien imsemmi hawn taħt. Tenut kont tar-rwol li ż-żewġ appellanti Grech u Caruana kellhom fir-reat ta' truffa, il-Qorti ser tikkundannahom għal terminu ta' priġunerija differenti liema terminu ser ikun sospiż għal perjodu differenti wkoll. Il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro**

(Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appelli ta' Grech u Caruana *in parte* u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti Grech u Caruana ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom;

- tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva fil-konfront ta' Grech u l-piena ta' tlitt (3) snin priġunerija effettiva fil-konfront ta' Caruana u minflok

  tikkundanna lill-appellant Grech għall-perjodu ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin

u

tikkundanna lill-appellant Caruana għall-perjodu ta' tmintax-(18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' tlitt (3) snin

u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-appellanti Grech u Caruana biex fi żmien sitt (6) xhur millum iħallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' dsatax-il elf, disa' mija u wieħed u sebgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€19,971.25) lis-soċjeta' Maltapost;

u

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-appellanti Grech u Caruana fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommettu reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tagħhom ġie sospiż u x'jiġri f'każ li jonqsu milli jħallsu l-ammont ta' €19,971.25 imsemmi hawn fuq fiż-żmien lilhom mogħti.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u lill-Kamra tal-Avukati.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**